# DEĊIŻJONI TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

## tat-22 ta' April, 2004

## li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali parteċipanti

## *(BĊE/2004/6)*

(2004/503/KE)

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, partikolarment l-Artikolu 28.3,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni BĊE/2003/18 tad-18 ta' Diċembru, 2003, li tistabbilixxi l-miżuri meħtieġa għall-ħlas tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew mill-banek ċentrali nazzjonali parteċipanti ([1]), iddeterminat il-mod u l-ammont kemm il-banek ċentrali nazzjonali (BĊNi) ta' l-Istati Membri li addottaw l-ewro (minn issa' l quddiem "il-BĊNi parteċipanti") għandhom iħallsu mill-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) fl-1 ta' Jannar, 2004.

(2) Minħabba s-sħubija tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Rpubblika ta' l-Ungerija, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonja, tar-Repubblika tas-Slovenja u tar-Repubblika Slovakka fl-Unjoni Ewropea, u tal-fatt li l-BĊNi rispettivi tagħhom se jsiru parti mis-Sistema Ewropea tal-Banek Ċentrali (SEBĊ) fl-1 ta' Mejju, 2004, id-Deċiżjoni BĊE/2004/5 tat-22 ta' April, 2004, dwar l-ishma perċentwali tal-banek ċentrali nazzjonali fl-iskema tas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew ([2]) tistabbilixxi b'effett mill-1 ta' Mejju, 2004, il-proporzjonijiet assenjati lill-BĊNi parteċipanti fl-iskema estiża tas-sottoskrizzjoni tal-kapital tal-BĊE (minn issa' l quddiem "il-proporzjonijiet fl-iskema kapitali u 'l-iskema kapitali" rispettivament).

(3) Mill-1 ta' Mejju, 2004, il-kapital sottoskritt tal-BĊE se jkun ta' 5 564 669 247,19 ewro.

(4) L-iskema kapitali estiża teħtieġ l-addozzjoni ta' deċiżjoni ġdida tal-BĊE biex tirrevoka d-Deċiżjoni BĊE/2003/18 b'effett mill-1 ta' Mejju, 2004, u biex tiddetermina l-mod u l-ammont kemm il-BĊNi parteċipanti għandhom iħallsu mill-kapital tal-BĊE fl-1 ta' Mejju, 2004,

([1]) ĠU L 9, 15.1.2004, p. 29.

([2]) Ara paġna 5 tal-Ġurnal Uffiċjali kurrenti.

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

**L-ammont u l-modalita' tal-ħlas tal-kapital**

Fl-1 ta' Mejju, 2004, kull BĊN parteċipanti għandu jħallas fl-ammont kollu s-sottoskrizzjoni tiegħu fil-kapital tal-BĊE. Filwaqt li jieħu konsiderazzjoni tal-proporzjonijiet fl-iskema kapitali deskritti fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni BĊE/2004/5, kull BĊN parteċipanti għandu għalhekk iħallas fl-1 ta' Mejju, 2004, l-ammont li qed jintwera ħdejn ismu fit-tabella li ġejja:

| BĊN parteċipanti | *(EUR)* |
|---|---|
| In-Nationale Bank van België/Banque Nationale de Belgique | 141 910 195,14 |
| Id-Deutsche Bundesbank | 1 176 170 750,76 |
| Bank of Greece | 105 584 034,30 |
| Il-Banco de España | 432 697 551,32 |
| Il-Banque de France | 827 533 093,09 |
| Ic-Central Bank and Financial Services Authority of Ireland | 51 300 685,79 |
| Il-Banca d'Italia | 726 278 371,47 |
| Il-Banque centrale du Luxembourg | 8 725 401,38 |
| Id-De Nederlandsche Bank | 222 336 359,77 |
| L-Oesterreichische Nationalbank | 115 745 120,34 |
| Banco de Portugal | 98 233 106,22 |
| Is-Suomen Pankki | 71 711 892,59 |

*Artikolu 2*

**Aġġustament tal-kapital imħallas**

Kull BĊN parteċipanti diġa' ħallas is-sehem tiegħu tal-kapital sottoskritt tal-BĊE kif applikabbli sat-30 ta' April, 2004, skond id-Deċiżjoni BĊE/2003/18. Minħabba dan il-fatt, jew xi BĊN parteċipanti għandu jittrasferixxi ammont addizzjonali lill-BĊE, jew il-BĊE għandu jittrasferixxi ammont lura lil xi BĊN parteċipanti, skond kif ikun l-aħjar li jsir, sabiex jintlaħqu l-ammonti stabbiliti fit-tabella fl-Artikolu 1. Dawn it-trasferimenti għandhom isiru skond it-termini u l-kundizzjonijiet stabbiliti fid-Deċiżjoni BĊE/2004/7 tat-22 ta' April, 2004, li tistabbilixxi t-termini u l-kundizzjonijiet għat-trasferimenti ta' l-ishma tal-kapital tal-Bank Ċentrali Ewropew bejn il-banek ċentrali nazzjonali u l-aġġustament tal-kapital imħallas ([3]).

([3]) Ara paġna 9 tal-Ġurnal Uffiċjali kurrenti.

*Artikolu 3*

**Dispożizzjonijiet Finali**

1. Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fit-23 ta' April, 2004.

2. Id-Deċiżjoni BĊE/2003/18 hija bil-preżenti rrevokata b'effett mill-1 ta' Mejju, 2004.

Magħmula fi Frankfurt am Main, fit-22 ta' April, 2004.

*Il-President tal-BĊE*

Jean-Claude TRICHET